# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 84/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Angelo Gafa')

vs

**Ian Pace**

iben John Joseph , imwieled Attard, fil-11 ta' Dicembru, 1970, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 36471(M)

Illum, 26 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Ian Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Mejju, 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar It-Trasport ta' Malta (ADT), in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva

jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jhedd;

2. Talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jezigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, eziega dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-Ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 119 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 112, 115(a), 119, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f`dik l-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni akkuza, u cioe dik ta` fejn Uffiċjal pubbliku, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jezigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, eziega dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-Ligi; u

2. Thassarha u tirrevokaha f`dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel akkuza, u cioe` dik li b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar It-Trasport ta' Malta (ADT), in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jhedd u dana jghaddi sabiex issib htija fl-appellat rigward l-istess akkuza u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fil-25 ta' Frar 2014 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghalija.

Illi f`dan il-kuntest l-aggravju ta` l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat u dana stante li minn ezami akkurat ta` l-atti processwali, jirrizulta b`mod car li l-verzjoni tax-xhieda dwar l-akkadut mhux biss hija verosimili u kredibbli, izda hija verzjoni li l-appellat invarjabbilment tenna b`mod konsistenti. Dwar it-tieni akkuza u cioe` dik ta` fejn Uffiċjal pubbliku jesiġi flus kontra l-liġi, l-appellat ma kienx eziga li jsir hlas mhux misthoqq sabiex il-kandidat jghaddi jew jehel mit-test tal-licenzja tas-sewqan u ghalhekk jonqsu l-elementi ewlenin ta' l-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant m`huwiex kontestat il-fatt li l-appellat jigi liberat mit-tieni akkuza migjuba kontrih. Fil-fatt, u a skans ta' kull ekwivoku, jigi mmedjatament rilevat li dan l-appell jitratta biss l-ewwel imputazzjoni; dwar it-tieni mputazzjoni fil-fatt ser tintalab il-konferma tal-liberatorja.

Dwar l-ewwel akkuza hu car li Ian Pace kien impjegat ma` l-ADT bhala driving examiner u li din hija entita' pubblika ai termini tal-Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta` Malta hekk kif giet

ikkonfermata minn Brian Farrugia ghan-nom ta` Malta Transport Authority. Illi ghalhekk dan jaghmlu ufficjal pubbliku taht l-artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.[1] Ghaldaqstant id-delitt jigi kommess mill-ufficjal pubbliku appena huwa jaccetta l-offerta indipendentament mill-fatt jekk in segwitu hu ghamilx dak li kien fi dmir tieghu li jaghmel hekk kif infatti gie stabbilit fl-appell il-Pulizija vs Carmelo Sant deciza fil-11 ta` Dicembru, 1997.

Mill-provi prodotti, inkluza l-istqarrija ta` l-appellat kif ikkonfermata minnu stess wara s-solita twissija fl-1 ta` Gunju, 2006 illi l-appellat f`diversi okkazjonijiet ircieva flus minghand Salvu Abela ta` 'Swallow Motoring School' u dan jidher car minn dak li qal hu stess:

**Pros:** X`taf tghidilna dwar flus li inti u ezaminaturi ohra ta` l-ADT kontu qeghdin titlob minghand l-instructors sabiex taghddulhom lill-kandidati taghhom?
**Xhud Ian Pace**: Jiena ma kontx qed nitlob flus sabiex nghaddi lill-kandidati jew inwahhalhom. Li kien jigri li kultant kien jidhol Salvu ta` Swallow u jaghtini xi haga ghalija talli skont kif ikun qal hu, 'inkun hadt hsiebu.' Daqqa jaghtini ghaxar liri (Lm10), daqqa hames liri (Lm5), daqqa hmistax il-lira (Lm15). Ma kinux ikunu dejjem l-istess, ma kinux ikun regolari. Dawn qatt ma kienu mitluba minni u kull min ghadda, ghadda ghax kien kapaci u min wehel ghax ma kienx. Ma flahtx il-fittagni tieghu. Irrifjutajt diversi drabi izda **d-darba li r-rrifjutajt** quddiem shabi hadmet kontrija ghax lil shabi qalilhom li kienet miftiehma li jien kont ser nirrifjutha.

Mistoqsi kemm ircieva flus minghand Salvu Abela, l-imputat iddikjara:
**"B'kollox nikkalkola li ma ghaqqadtx il-mitt lira fi flus mghoddija lili minghand Salvu. Nerga' nghid li jiena lil Salvu qatt ma tlabtu flus u tahomli bi pressjoni. L- uniku haga li stajt naghmel nitlaqhom ma' l-art."** (a fol.14).

---

[1] Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Dan kollu jikkonferma li l-appellat ma gharafx izomm ghat-tentazzjoni ta` gwadanjar ta` flus illi ma kienux jaspettaw lilu u ghalhekk kien jaccetta l-flus moghtija lilu kontra l-obbligi impost fuqu bhala ufficjal pubbliku.

Dak li ntqal mill-appellat huwa kkorroborat b`dak li qalu diversi xhieda ohra u infatti:

**Salvu Abela** xehed illi ghal kull test huwa gieli ta lill-appellat minn hames Lira Maltin (Lm5) sa ghoxrin Lira Maltin (Lm20) u dana sa kemm ikun jiflah il-kandidat. A fol.26 u fol.27, Abela ta c-cirkostanzi ta' kif kienu jiddeciedu fuq l-ammont preciz ta' flus illi kellu jghaddilhom. Abela xehed illi l-appellat kien fost l-ezaminaturi l-iktar moderat ghalkemm kien jippretendi flus. A fol.27 u fol.28, Salvu Abela xehed illi l-aktar li kien qieghed jghaddi flus lill-appellat kien fil-gurnata tas-Sibtijiet il-ghaliex kienu jithallsu overtime u li kien jghaddilu bejn tletin u erbghin Lira Maltin (Lm30- Lm40) kull nhar ta' Sibt.

**Jason Buttigieg** (a fol.57) ikkonferma illi kien involut f'tixhim billi accetta pagamenti minghand Saviour Abela, driving instructor ma' l-'Swallow Motoring School,' u li dawn il-flus kienu jinqassmu bejn l-ezaminaturi kollha, inkluz l-appellat u l-ammont ta' flus kien bejn ghoxrin Lira Maltin u tletin Lira Maltin (Lm20- Lm30) ghall kull kandidat.

**Roderick Galea** kkonferma x-xhieda ta' Buttigieg, ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta' Saviour Abela, limitatament, fis-sens li dana kien jghaddi l-flus lill-ezaminaturi bejn mija u mija u ghoxrin Lira Maltin, izda qal illi Saviour Abela kien jaghtihom dawn il-flus il-ghaliex "kien ikollu gurnata tajba" u mhux il-ghaliex l-ezaminaturi kienu jghaddu jew iwahhlu l-kandidati tieghu. A fol.66, huwa kkonferma illi darba minnhom l-appellat irrifjuta dawn il-flus.

Dawn il-flus ma kinux dovuti skont il-ligi jew skont xi regolamenti, imma kif jikkonferma l-appellat stess u kif ukoll ix-xhieda, dawn kien izommhom ghalih. Ghandu jinghad ukoll illi ghall-fini ta` l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali, l-ammont ta` dawn il-hlasijiet huwa rrelevanti. Ma hemmx qbil fuq dan il-punt bejn dak li qal l-appellat u dak li qal Salvu Abela, pero` anke f`dak li qal l-appellat l-ammont involut m`huwiex irrisorju. Fl-artikolu 115, il-ligi ma taghmel ebda distinzjoni rigward l-ammont involut anzi tirrendi punibbli anke s-semplici accettazzjoni

ta` weghda jew ta` l-offerta. Infatti d-delitt jigi kommess mill-ufficjal pubbliku appena huwa jaccetta l-offerta indipendentament mill-fatt jekk in segwitu hu jaghmilx dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel jew jonqos mill jaghmel.

Dan infatti jigi kkonfermat mill-appellat stess fit-tieni pagna ta` l-istqarrija (a fol.15) fejn ighid "li kont naqsam il-flus mghoddija minghand Salvu ma` l-examiners l-ohra **b`agreement** illi jekk kandidat jghaddi jaghtina Lm 10 u jekk dan jehel jaghtina Lm 5." Dan ghalhekk juri li l-appellat kien accetta l-ftehim flimkien mal-kollegi l-ohra sabiex ammont ta` flus jigi moghti lilu minn Saviour Abela, anke jekk kontra dak li hu mistenni minnu bhala ufficjal pubbliku.

Minn ezami ta` l-istess artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta` korruzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li ghandhom jigu pprovati huma erba u cioe': (a) in-natura uffiċjali jew pubblika ta` l-impjieg tal-appellat (b) li l-appellat jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd (c) li dan ikun car in konnessjoni ma` l-istess kariga jew impjieg u (d) l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu jew li mhux fid-dmir tiegħu li jagħmel.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponent mill-kumpless tal-provi prodotti dawn l-erba` elementi jirrizultaw sodisfacentament ipprovati f`dan il-kaz. Dan ghaliex huwa veru li ma hemmx provi li l-appellat kien qed jinxtara biex ma jaghmilx xoghlu sewwa anzi hemm provi li d-decizzjonijiet tieghu kienu korretti pero` dan ma jsalvahx minn dik li hi htija ghax ir-ratio tad-dispozizzjoni tal-ligi mhux limitat biex jigi punit minn jonqos minn dmiru izda anki biex jipprevjeni li wiehed li jaghmel dmiru jippercepixxi aktar minn dak li hu intitolat ghalih.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan il-kaz kellhu iter twil billi hemm zewg sentenzi tal-ewwel Qorti, sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li annullat l-ewwel sentenza ta' l-ewwel Qorti u is-sentenza tal-lum stess li taghlaq darba ghal dejjem il-kaz li jirrigwarda l-appellat.

Illi l-aggravju ta' l-Avukat Generali jdur dwar l-apprezzament hazin tal-provi tal-ewwel Qorti. L-Avukat Generali hu tal-fehma li l-ewwel akkuza migjuba kontra Ian Pace giet pruvata skont il-

ligi. Fl-ewwel lok, minhabba x-xhieda migjuba quddiem l-ewwel Qorti u fit-tieni lok l-elementi kollha tal-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali gew pruvati.

Illi din il-Qorti ftit ghandha xi tghid fuq il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. L-Avukat Generali jistrieh fuq ix-xhieda ta' Salvu Abela, Jason Buttigieg u Roderick Galea. Dawn it-tlieta minn nies gew ikkundannati ghal dak li ghamlu. Il-'whistle blower' ta' dan il-kaz kollu hu l-appellat odjern. Din il-Qorti ssibha bi tqila, u hawnhekk taqbel perfettament mal-ewwel Qorti, li temmen lil dawn il-personaggi. Dan ghaliex huma ghandhom interess partikolari hafna li min esponiehom jinzel maghhom ukoll. Tant hu hekk li fil-kaz 'Il-Pulizija v. Paul Grech', tat-8 ta' Novembru, 2007, deciza mill-Qorti tal-Magistrati, diversament presjeduta, ghamlet l-istess apprezzament ta' dawn ix-xhieda. Ghalhekk, issa hemm tlett Qrati, din il-Qorti u il-Qorti tal-Magistrati b'zewg sentenzi li ma jaghtu ebda affidament lix-xiehda ta' dawn it-tlett persuni hawn fuq imsemmija.

Illi dwar il-punt legali li jirrigwarda l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali dn il-Qorti taqbel perfettament mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. David Gatt' deciza fil-11 ta' Novembru, 2011. Fi ftit kliem, irid ikun ftehim bil-quddiem biex dan l-artikolu jidhol 'in play'. F'dan il-kaz dan ma sehh qatt u kif jirrizulta ampjament pruvat il-flus li seta' rcieva l-appellat kienu ta' ebda entita'.

Illi maqghud ma dak li ntqal iktar 'l fuq jirrizulta li l-ewwel Qorti ma kellha ebda htiegja li tidhol fuq l-ammissibilita' jew le ta' l-istqarrija ta' l-appellat. Dan il-punt gie mqanqal quddiem l-ewwel Qrati f'zewg aspetti. Fl-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, l-appellat kien ilment li meta hadulu l-ewwel stqarrija fl-1 ta' Gunju, 2006 il-Prosekuzzjoni abbuzat mill-pozizzjoni taghha mill-tat x'tifhem illi hu seta' jinzamm arrestat ghal perjodu ta' tlett xhur. Hadd ma qallu li l-izjed li seta' jinzamm hu perjodu ta' tmienja u erbghin siegha (48). Dan il-fatt ikkrea f'mohh l-appellat li l-unika triq biex johrog minn dan l-isqaq hu li jghid dak li jrid jisma l-ufficjal li kien qed jinvestigah. Dan l-agir ta' l-appellat hu kkorborat mix-xhieda li gew prodotti in difeza li kellmu lill-appellat ftit wara li gie rilaxxat mill-pulizija. Hu gie rilaxxat madwar sebggha u erbghin siegha (47) wara l-arrest tieghu.

Illi anki quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fit-tieni darba, gie mqajjem dan il-punt izda f'mod differenti billi ntqal li l-appellat ma kienx assistit minn avukat. Fuq dan il-punt, illum il-pozizzjoni hi cara u l-istqarrija rilaxxata mill-appellat mhiex ammissibbli fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell kriminali fl-ismijiet: 'The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor deciza fl-1 ta' Dicembru, 2016.

Illi in vista ta' dak li ntqal hawn fuq din il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni moghtija mill-appellat hi aktar kredibbli minn dik moghtija mit-tlett persuni hawn fuq imsemmija.

Illi din il-Qorti qed tiddikjara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-appellat, Ian Pace, gie liberat mit-tieni akkuza migjuba kontra tieghu. Dwar l-ewwel akkuza, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata fejn Ian Pace ma nstabx hati taz-zewg akkuzi migjuba kontra tieghu.